

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tad-19 ta' April 2007

## dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-ammissjoni mill-ġdid

(2007/341/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-punt (3)(b) ta' l-Artikolu 63 tiegħu, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni nneozjat fisem il-Komunità Ewropea Ftehim mal-Federazzjoni Russa dwar l-ammissjoni mill-ġdid.
- (2) Il-Ftehim ġie ffirmat, fisem il-Komunità Ewropea, fil-25 ta' Mejju 2006, suġġett għall-konklużjoni eventwalment possibbli tiegħu f'data aktar tard, skond Deċiżjoni tal-Kunsill adottata fit-22 ta' Mejju 2006.
- (3) Il-Ftehim għandu jiġi approvat.
- (4) Il-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt ta' Ammissjoni mill-Ġdid li jista' jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu. Huwa kunsiljabbli li tkun prevista proċedura simplifikata sabiex tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-Komunità f'dan il-każ.
- (5) Skond l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u ta' l-Irlanda, anness mat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, ir-Renju Unit innotifika x-xewqa tiegħu li jipparteċipa fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(6) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, anness mat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' l-imsemmi Protokoll, l-Irlanda ma tipparteċipax fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u m'hijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(7) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u m'hijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-ammissjoni mill-ġdid huwa b'dan approvat fisem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 23(2) tal-Ftehim <sup>(1)</sup>.

*Artikolu 3*

Il-Kummissjoni, megħjuna minn esperti mill-Istati Membri, għandha tirrappreżenta lill-Komunità fil-Kumitat Konġunt ta' l-Ammissjoni mill-Ġdid stabbilit mill-Artikolu 19 tal-Ftehim.

*Artikolu 4*

Il-pożizzjoni tal-Komunità fi ħdan il-Kumitat Konġunt dwar l-Ammissjoni mill-Ġdid dwar l-adozzjoni tar-regoli tal-proċedura tiegħu kif meħtieġ taħt l-Artikolu 19(5) tal-Ftehim għandha tittieħed mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni ma' kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill.

<sup>(1)</sup> Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar l-Ammissjoni mill-Ġdid se tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, 19 ta' April 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. ZYPRIES

---